MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Rikors Numru. 257/2005

**Fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament 407/05 JA fl-ismijiet: -**

**Alfred u Doris konjugi Micallef**

**vs**

**Anthony u Rita konjugi Micallef**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Anthony u Rita konjugi Micallef fen gie premess :-

Illi Alfred u Doris konjugi Micallef talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet premessi moghtija fit-28 ta' Jannar 2005 liema sentenza rriformat

parti mis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-24 ta' Marzu, 2004 u kkonfermata kwantu parti ohra. It-talba ghall-hrug tal-imsemmi mandat saret mill-intimati Alfred u Doris konjugi Micallef fit-8 ta' Marzu, 2005 u giet akkordata fl-istess jum. Kopja ta' dan il-mandat ta' zgumbrament tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A;

Illi dan il-mandat ta' zgumbrament gie notifikat lill-esponenti rikorrenti fid-9 ta' Marzu, 2005 mill-marixall assenjat ghal dan l-iskop;

Illi preliminarjament it-talba ghall-otteniment u l-konsegwenti hrug tal-mandat ta' zgumbrament flimkien mal-esekuzzjoni ta' l-istess mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet premessi huma rritwali ghad illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet premessi meta kkonfermat dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel qorti tal-24 ta' ta' Marzu, 2004 (Citaz Nru 1596/00 JA) ma' gie ordnat ebda zgumbrament tal-rikorrrenti odjerni u l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell ma setghetx lanqas tordna dan bil-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza tal-24 ta' Marzu, 2004 ta' l-Ewwel Onorabbli ghaliex ma saret ebda talba ghall-zgumbrament mill-intimati fic-citazzjoni promotrici;
Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu jinghad li s-sentenza fuq imsemmija tal-Onorabbli Qorti tal-Appell moghtija fit-28 ta' Jannar, 2005 ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-24 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet premessi kwantu din laqghet it-tieni u t-tielet talbiet tal-atturi fil-kawza il-konjugi Alfred u Doris Micallef u cjoe kwantu ghat-tieni talba billi ddikjarat li l-konvenuti esponenti f'dan ir-rikors, bi tqeghid tal-ingenji quddiem l-eghlieqi tal-atturi ghalqu l-access liberu tal-atturi li jidhlu bl-ingenji taghhom fl-ghalqa ta' l-istess atturi u b'hekk ikkomettew spoll, filwaqt li kwantu ghat-tielet talba billi ddikjarat li l-konvenuti esponenti f'dan ir-rikors ma kienux qeghdin ihallu acess sabiex l-atturi jkomplu jahdmu l-istess ghalqa u b'hekk ikkommettew spoll. L-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess waqt fl-istess sentenza rriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-24 ta' Marzu, 2004 billi rrevokatha kwantu din laqghet l-ewwel u r-raba' talbiet attrici.  Qeghdin jigu anessi kopji informali tas-

sentenzi ta’ l-ewwel Qorti tal-24 ta’ Marzu, 2004 u tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-28 ta’ Jannar 2005 liema kopji qeghdin jigu mmarkati bhala Dokument B u C rispettiavment;

Illi l-esponenti kkonformaw ruhhom pjenament mas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-28 ta’ Jannar, 2005 kwantu din ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tal-24 ta’ Marzu, 2004 u l-istess esponeneti **ma humiex** jaghlqu bl-ingenji taghhom l-access liberu ta’ Alfred u Doris konjugi Micallef u ma jhalluhomx jidhlu bl-ingenji taghhom fl-ghalqa taghhom u lanqas ma’ huma qeghdin jostakolaw l-access liberu tal-istess Alfred u Doris konjugi Micallef ghal din l-istess ghalqa taghhom mill-kancell indikat fic-citazzjoni promotrici. Infatti sal-bierah stess Alfred Micallef acceda minghajr ostakolo u tfixxkil ghall-eghlieqi tieghu;

Ghalhekk, in vista tal-premess u fic-cirkostanzi, l-konjugi Anthony u Rita Micallef qed jitolbu li jithassar tal-att esekuttiv ossija l-mandat ta’ zgumbrament numru 407/05 JA fl-ismijiet “Alfred u Doris konjugi Micallef versus Anthony u Rita konjugi Micallef” u dan ghat-tenur tal-Artikolu 283A tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) bl-ispejjez kollha kontra esekutanti Alfred u Doris konjugi Micallef u b’rizerva ghall-jedd tad-danni u imghaxxijiet kontra l-istess esekuttanti Alfred u Doris konjugi Micallef ghat-tenur tal-Artikolu 282 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Rat ir-risposta ta’ Alfred Micallef u Doris Micallef fejn gie sottomess :-

Illi bis-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Alfred Micallef et vs Anthony Micallef et deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Jannar 2005, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkundannat lil Anthony Micallef et biex fi zmien **tmienja u erbghin siegha** (mis-sentenza), ma jibqghux jaghmlu katnazz mal-kancell (f’St. George’s Street, San Pawl il-Bahar) u li ma jhallux lill-atturi jghaddu ghal-ghelieqi taghhom u lanqas izommu

ingenji quddiem l-istess ghelieqi u li jaghtuhom access ghall-ghelieqi taghhom aktar il-gewwa mir-razzett tal-konvenuti.

Illi din is-sentenza kkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti tal-24 ta' Marzu 2004;

Illi peress illi wara s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Marzu 2004 il-konvenut Anthony Micallef gie kkundannat fit-30 ta' Lulju 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali biexi nehhi l-katnazz mill-ghalqa ta' St. George's Street, San Pawl il-Bahar, u dan fi zmien gimgha ghal kull inkonvenjent li kien qed isofri r-rikorrenti Alfred Micallef, l-imsemmi Anthony Micallef nehha l-katnazz allura qabel is-sentenza peress li ma kienx hemm iktar lok ghat-tnehhija tal-katnazz minn St. George's Street, San Pawl il-Bahar;

Xorta wahda l-intimat Anthony Micallef baqa' jaghmel l-ingenji fir-rampa biex b'hekk ir-rikorrent Alfred Micallef ma jkunx jista' jghaddi bi hwejgu, oltre l-fatt illi huwa sal-gurnata tal-llum ghad m'ghandux access ghall-ghelieqi li huwa ghandu jahdem iktar il-gewwa mir-razzett tal-konvenuti;

Illi f'dawn ic-cirkostanzi r-rikorrent Alfred Micallef ma kellux triq ohra hlief a tenur tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili li jitlob il-hrug tal-mandat ta' zgurmbrament sija mill-ingenji li kienu qed jostakolaw ir-rampa f'St. George's Street, San Pawl il-Bahar kif ukoll mill-ghalqa iktar il-gewwa mir-razzett tal-intimati Anthony Micallef et.

Illi r-rikorrenti jkomplu jissottomettu li ma jistghux jghaddu ghal-ghalqa taghhom aktar il-gewwa mir-razzett tal-rikorrenti intimati stante li f'din l-ghalqa huwa qed izomm iz-ziemel meta din l-istess ghalqa, kif jirrizulta minn dokumenti li l-mittenti ghandhom f'idejhom, kienet tinhadem mill-istess Alfred Micallef tant illi skond skrittura tal-ftehim ta' transazzjoni redatta mill-avukat Victor Ragonesi ta' Dicembru 1998 ezebita fl-atti processwali, huwa talab lil huh Alfred biex jiltaq mill-imsemmija ghalqa;

Illi ghalhekk a tenur ta' din is-sentenza, illum l-intimati Anthony Micallef et ghandhom jitilqu mill-ghalqa iktar il-gewwa mir-razzett stante illi llum din hija res judicata;

Illi mhux minnu illi l-intimati kkonfermaw ruhhom pienament ms-sentenza tal-Qorti tal-Appell kif fuq inghad;

Ghallhekk it-talba ghat-thassir tal-att esekuttiv, ossija l-mandat ta' zgumbrament numru 407/05 JA fl-ismijiet Alfred Micallef et vs Anthony Micallef et, m' ghandha taht l-ebda cirkostanza tigi milqugha minn din il-Qorti;

Rat li fil-kors tas-seduita tal-1 ta' Lulju 2005 gie nominat l-AIC Godwin Abela bhala perit tekniku sabiex jaccedi fuq il-post in kwestjoni u jirrelata dwar it-talbiet tar-rikorrenti fid-dawl tar-risposta tal-intimati u bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku debitament konfermat bil-gurament u ppresentat fil-kors tas-seduta tat-2 ta' Frar 2006;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2006 minn fejn jirrizulta li l-abbli perit tekniku ddikjara li daknli hemm fir-rapport tieghu hu bbazat fuq informazzjoni li giet mghotija lilu mill-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors gie differit sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors promotur Anthony u Rita konjugi Micallef ("ir-rokorrenti") jaghmlu referenza ghal mandat ta zgumbrament li Alfred u Doris konjugi Micallef (l-intimati) ottjenew kontra taghhom fit-8 ta' Marzu 2004. Dan il-mandat gie ottjenut in esekuzzjoni tas-sentenza, fil-kawza fl-istess ismijiet, tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar 2005. Din is-sentenza rriformat in parte s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-24 ta' Marzu 2004;

Skond ir-rikorrenti l-hrug tal-imsemmi mandat hu rritwali stante li l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza taghha ma' ordnat ebda zgumbrament tar-rikorrenti. Ma saret l-ebda talba ghall-zgumbrament mill-intimati fic-citazzjoni promotrici taghhom. L-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet iddecidit billi ddikjarat li r-rikorrenti odjerni kienu kkommettew spoll fil-konfront tal-intimati billi ghalqu l-access tal-intimati li jidhlu bl-ingenji fl-ghalqa taghhom u dan billi poggew ingenji quddiem l-istess artijiet mahduma mill-intimati u billi l-istess rikorrenti ma kienux qeghdin ihallu access liberu lill-intimati;

Ir-rikorrenti jsostnu li huma kkonformaw ruhhom pjenament mal-imsemmija sentenza u ghalhekk huma mhux qed jostakolaw bl-ebda mod l-access liberu tal-intimati;

Fuq dawn il-premessi r-rikorrenti qed jitolbu li l-imsemmi mandat ta zgumbrament (numru 407/05 JA) jigi kancellat u dan ghat-tenur tal-artikolu 283A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

L-intimati rrispondew li bis-sentenza imsemmija r-rikorrenti gew ikkundnnati biex, f'terminu prefiss, ma jibqghux jostakolaw l-access liberu tal-intimati ghall-ghelieqi taghhom. B'mod partikolari r-rikorrenti gew ordnati biex ma jghalqux b'katnazz il-kancell li ghati access ghal-ghelieqi tal-intimat u biex ma jibqghux izommu l-ingenji taghhom quddiem l-istess ghelieqi;

L-intimati issottomettu li r-rikorrenti fit-30 ta' Lulju 2004 gew ordnati mill-Qorti tal-Appell Kriminali biex fi zmien prefiss inehhu l-imsemmi katnazz. Ghalhekk qabel ma nghatat l-imsemmija sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ir-rikorrenti kienu gia nehhew l-imsemmi katnazz. Skond l-intimati, pero', r-rikorrenti komplew, bl-ingenji taghhom, jostakolaw l-access ghall-ghelieqi tal-intimati u komplew jghamlu dan almenu sad-data tal-presentata tar-rikors odjern u b'hekk l-intimati ghad m'ghandhomx access liberu ghall-ghelieqi taghhom;

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-intimati ma kellhomx triq ohra hlief li, a tenur tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili, jitolbu l-hrug tal-mandat ta' zgurmbrament in kwestoni u dana ghar-rigward tal-imsemmia ingenji tar-rikorrenti. B'hekk, skond l-intimati, t-talba ghat-thassir tal-att esekuttiv in kwestjoni m'ghandix tigi akkolta;

Ma hemmx kontestazzjoni li l-hrug tal-mandat ta' zgumbrament in kwestjoni gie ottjenut mill-intimati kontra r-rikorrenti in esekuzzoni tal-imsemmija sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar 2005. Kwindi l-istess sentenza trid tigi esaminata akkuratament u dana fid-dawl tat-talbiet kif kontenuti fic-citazzjoni promotrici u fid-dawl tal-imsemmija sentenza tal-ewwel Qorti;

L-Onorabbblli Qorti tal-Appell bis-sentenza taghha rriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti u dan billi rrevokat in parte din l-ahhar sentenza filwaqt li kkonfermat ir-rimanenti parti. Ghalhekk l-esitu finali tal-proceduri presentati mill-intimati kien li l-kawza giet deciza billi gie dikjarat li r-rikorrenti odjerni bi tqeghid tal-ingenji taghhom quddiem l-ghelieqi tal-intimati qed jghalqu l-access liberu biex l-intimati jidhlu bl-ingenji taghhom fl-ghalqa taghhom u dan jikkostitwixxi spoll, billi gie dikjarat ukoll li r-rikorrenti mhux qed ihallu access biex l-intimati jkmplu jahdmu l-ghalqa taghhom u dan ukoll jikkostitwixxi spoll u finalment billi r-rikorrenti gew kundannati sabiex, fi zmien prefiss, huma jhallu lill-intimati jghaddu liberament ghall-ghelieqi taghhom;

F'dan l-istadju hu rilevanti li jigi sottolineat li l-Onorabbli Qorti tal-Appell, ghar-rigward tat-talbiet tal-intimati dwar il-katnazz li bih seta jissakkar kancell, li jghati access ghall-ghelieqi tal-intimati, iddikjarat li ma hemmx lok li jinghataw provedimenti dwar dawn l-istess talbiet stante li l-intimati kienu ddikjaraw, fil-mori tal-appell, li huma kienu nghataw cavetta tal-istess kancell;

Ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti kompetenti tirrigwarda esklusivament l-ingenji tar-rikorrenti li bihom kienu qed jostakolaw l-access liberu tal-intimati;

Ir-rikorrenti jsostnu li huma mhux qed jostakolaw lill-intimati bl-ingenji taghhom. L-intimati, da parti taghhom, isostnu li dan mhux minnu u l-access liberu ghall-ghalqa taghhom ghadu qed jigi ostakolat bl-ingenji tar-rikorrenti. Ma saret ebda prova f'dan ir-rigward la mir-rikorrenti u lanqas minn naha tal-intimati;

Kif gia gie rilevat, f'dawn il-proceduri, gie nominat Perit Tekniku li fir-rapport tieghu, fost affarijiet ohra, kkonkluda li l-access tal-intimati ma kienx ostakolat bl-ingenji tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward ma jistax jigi eskluz, pero', li r-rikorrenti setghu nehhew l-ingenji taghhom temporaneament u dan in vista tal-access li kien ser izomm il-Perit Tekniku;

F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement li r-rikorrenti m'ghadhomx jostakolaw bl-ingenji taghhom l-access tal-intimati. Hu, pero', immaterjali jekk dan il-fatt jirrizultax jew le u dan in vista ta dak li ser jintqal fil-paragrafu segwenti;

L-intimati ghazlu li jesegwixxu l-imsemmija ordni tal-Qorti kompetenti dwar l-ingenji tar-rikorrenti billi talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament. Dan l-att esekutiv hu regolat fil-ligi taghna bil-provedimenti tal-artikolu 384 tal-Kap12. Skond dan l-artikolu l-mandat ta' zgumbrament jekkwivali ghat-tkeccija ta' kerrej jew ta' detenturi ohra ta' beni immobbli. In vista ta' dak kollu li gie premess f'din is-sentenza, l-kaz in esami non si tratta ta' tkeccija ta' inkwilin ta' xi fond jew it-tkeccija ta' xi detentur tal-istess fond. F'dan il-kaz ir-rikorrenti la huma l-inkwilini u lanqas detenturi bla titolu tal-passagg in kwestjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti ghalhekk mandat ta' zgumbrament mhux applikabbli ghal kaz in esami;

It-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors promotur qed issir ai termini tal-artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li att esekuttiv, bhal dak in kwestjoni, jista jigi mhassar in toto jew in parte kemm il-darba tirrizulta raguni valida skond il-ligi. Il-fatt li mandat ta' zgumbrament mhux applikabbli ghal kaz in esami, fl-

opinjoji tal-Qorti, hi raguni valida biex l-istess att esekuttiv jigi mhassar in toto;

Fid-dawl ta’ dak kollu li gie premess ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar it-talbiet, kif kontenuti fir-rikors promotur, billi tilqa l-istess talbiet u b’hekk tordna li l-att esekuttiv in kwestjoni, ossija l-mandat ta’ zgumbrament numru 407/05 JA fl-ismijiet “Alfred u Doris konjugi Micallef versus Anthony u Rita konjugi Micallef,” jigi mhassar in toto u dan ghat-tenur tal-Artikolu 283A tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Spejjez kollha kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------